PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

3.12.2008 PE416.253v02-00

EMENDA TA' KOMPROMESS 5

Abbozz ta' rapport **(PE 405.718v01-00)**
Carlos Coelho
Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004 dwar l-istandards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u l-bijometrika f'passaporti u dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri
(COM(2007)0619 – C6-0359/2007 – 2007/0216 (COD)

EMENDI TAL-PARLAMENT

għall-proposta tal-Kummissjoni għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004 dwar l-istandards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u l-bijometrika f'passaporti u dokumenti ta' l-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(2)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

---

* Emendi politiċi: test ġdid jew ta' sostituzzjoni huwa mmarkat b'tipa qawwija u korsiva u t-tħassir huwa indikat bis-simbolu ▌.
Tiswijiet u adattamenti tekniċi magħmula mis-servizzi: test ġdid jew ta' sostituzzjoni huwa mmarkat b'tipa korsiva u t-tħassir huwa indikat bis-simbolu ‖.

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat[1],

Billi:

(1) Il-Kunsill Ewropew ta' Tessalonika kkonferma li jinħtieġ approċċ koerenti fl-UE rigward l-identifikaturi bijometriċi jew id-data bijometrika għad-dokumenti taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, għall-passaporti taċ-ċittadini tal-UE u għas-sistemi ta' informazzjoni (il-VIS u s-SIS II).

(2) F'dan il-kuntest, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2252/2004 tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar l-istandards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u l-bijometrika f'passaporti u dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri[2] bħala pass importanti lejn l-użu ta' elementi ġodda, li jagħmlu d-dokumenti tal-ivvjaġġar iktar sikuri u li jistabbilixxu rabta iktar affidabbli bejn id-detentur u l-passaport bħala kontribuzzjoni importanti biex jiġi żgurat li huwa protett kontra użu falz.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 2252/2004 jaħseb għal obbligu ġenerali li jingħataw il-marki tas-swaba' li jiddaħħlu f'ċippa tat-tip ta' bla kuntatt fil-passaport. Madankollu, l-esperjenza mit-testijiet uriet li hemm bżonn ta' eċċezzjonijiet. Matul proġetti pilota ta' xi Stati Membri deher li l-marki tas-swaba' tat-tfal taħt l-età ta' 6 snin ma kinux ta' kwalità suffiċjenti għal verifika personali tal-identità. Barra minn hekk, huma suġġett għal tibdil importanti li jagħmilha diffiċli li jiġu verifikati matul il-perjodu kollu ta' validità tal-passaport.

(4) L-armonizzazzjoni ta' eċċezzjonijiet għar-rekwiżit tal-marki tas-swaba' hija essenzjali sabiex jinżammu standards komuni ta' sigurtà u biex jiġu ssimplifikati l-kontrolli fil-fruntieri. Kemm minħabba raġunijiet legali u minħabba raġunijiet ta' sigurtà m'għandux jitħalla f'idejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tiddefinixxi l-eċċezzjonijiet mill-obbligu li jkunu pprovduti l-marki tas-swaba' għall-passaporti u dokumenti oħra tal-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri.

(4a) Ir-Regolament (KE) Nru 2252/2004 jirrikjedi li d-data bijometrika tinġabar u tinħażen fil-mezz ta' ħażna tal-passaporti u d-dokumenti tal-ivvjaġġar bil-ħsieb li jinħarġu dawn id-dokumenti. Dan huwa mingħajr ħsara għal kwalunkwe użu jew ħżin ieħor ta' din id-data skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri. Ir-Regolament ma jipprovdix bażi legali biex ikunu stabbiliti bażijiet tad-dejta jew biex dawn jibqgħu jinżammu għall-ħżin ta' din id-data fl-Istati Membri, ħaġa li hi strettament kwistjoni tal-liġi nazzjonali.

(5) Barra dan, bħala miżura supplimentari ta' sigurtà u sabiex ikun provdut ħarsien addizzjonali għat-tfal, għandu jiġi introdott il-prinċipju ta' "persuna waħda-passaport wieħed". Huwa wkoll rakkomandat mill-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili (ICAO) u dan jiżgura li l-passaport u l-karatteristiċi bijometriċi huma marbuta biss mad-detentur tal-passaport. Huwa iktar sikur jekk kull persuna jkollha l-passaport tagħha.

---

1 ĠU C , , p. .
2 ĠU L 385, 29.12.2004, p. 1.

(5a) Filwaqt li jitqies li l-Istati Membri għandhom ikunu obbligati li joħorġu passaporti individwali lil minorenni u li jista' jkun hemm differenzi sinifikanti bejn il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri rigward it-tfal li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha teżamina l-ħtieġa għal miżuri sabiex jiġi żgurat li jkun hemm strateġija komuni rigward ir-regoli għall-ħarsien tat-tfal li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri.

(6) ***Billi l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta l-miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stipulat fl-*** Artikolu 5 tat-Trattat. ***F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu,*** dan ir-Regolament ma jmurx lilhinn minn dak li hemm bżonn sabiex jintlaħqu ***dawk*** l-objettivi.

(7) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ***ma tiħux*** sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u għalhekk mhijiex marbuta miegħu jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. ▌ Billi dan ir-Regolament ***jibni*** fuq l-acquis ta' Schengen skont id-dispożizzjonijiet tat-***Titolu IV tat-Tielet Parti*** tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ***għandha***, skont l-Artikolu 5 tal-imsemmi Protokoll, tiddeċiedi f'perjodu ta' sitt xhur wara l-***adozzjoni ta'*** dan ir-Regolament jekk tkunx se ***timplimentah*** fil-liġi nazzjonali tagħha.

(8) Dan ir-Regolament huwa żvilupp fuq id-dispożizzjonijiet dwar l-acquis ta' Schengen li fih ir-Renju Unit ma jieħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu sehem fi whud mid-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen[1]; Għalhekk *ir-*Renju Unit mhux qiegħed jieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u la hu marbut bih u lanqas soġġett għalih.

(9) Dan ir-Regolament huwa żvilupp fuq id-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen li fih l-Irlanda ma tieħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba ta' l-Irlanda biex tieħu sehem fi whud mid-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen[2]. Għalhekk l-Irlanda m'hijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. (10) Għal dak li għandu x'jaqsam mal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp fid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fit-tifsira tal-Ftehima konkluża bejn il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ***ta' dawn iż-żewġ Stati*** ▌ mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen[3], li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt A, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dik il-Ftehima[4].

---

1 ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
2 ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.
3 ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.
4 ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.

(11) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp fid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, fit-tifsira tal-Ftehima ***konkluża*** bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera ***dwar*** l-***assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera*** mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt A, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqrija flimkien mal-***Artikolu 3*** tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill ***2008/146/KE*** [1]u ***2008/149/JHA***[2].

(11a) Fir-rigward ta' Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp fid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, fit-tifsira tal-Protokoll iffirmat bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat ta' Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat ta' Liechtenstein mal-Ftehima bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen[3], li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt A, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqrija flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/261/KE[4].

(12) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 2252/2004 għandu jiġi emendat f'dan is-sens,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) ***Nru*** 2252/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) ***L-Artikolu 1(1) għandu*** jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-passaporti u d-dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri għandhom ikunu konformi mal-istandards minimi ta' sigurtà stabbiliti fl-Anness.

Dawn għandhom jinħarġu bħala dokumenti individwali.

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar ir-rekwiżiti għat-tfal li jkunu qegħdin jivvjaġġaw weħidhom jew li jkunu akkumpanjati, u li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri sa mhux aktar tard minn ...[*] u tipproponi, fejn jinħtieġ, inizjattivi xierqa sabiex tiġi żgurata strateġija komuni rigward ir-regoli fuq il-ħarsien tat-tfal li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri."

(1a) L-Artikolu 1(2) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-passaporti u d-dokumenti ta' l-ivvjaġġar għandhom jinkludu mezz ta' ħażna

---

[1] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1.
[2] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 50.
[3] Dokument tal-Kunsill 1646/06 li jinstab fuq http://register.consilium.europa.eu
[4] ĠU L 83, 26.3.2008, p. 3.
[*] Tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

b'sigurtà għolja **li għandu jkun fih xbieha tal-wiċċ. L-Istati Membri għandhom jinkludu wkoll *żewġ* marki tas-swaba *meħuda fiċ-ċatt* f'formati interoperabbli . Id-dejta għandha tkun żgurata u l-mezz ta' ħażna għandu jkun ta' daqs u kapaċità suffiċjenti biex jiggarantixxi l-integrità, l-awtentiċità u l-kunfidenzjalità tad-dejta."**

(2) ***Fl-Artikolu 1***, ***għandu*** jiddaħħal il-paragrafu 2a ▌ :

"2a. Dawn il-persuni li ġejjin għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżit tal-marki tas-swaba':

(a) Tfal taħt l-età ta' ***12-il sena.***

Il-limitu tal-età ta' 12-il sena huwa wieħed proviżorju. Ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 5a għandu jkun fih eżami mill-ġdid tal-limitu tal-età, jekk ikun meħtieġ akkumpanjat minn proposta biex ikun emendat il-limitu tal-età.

Mingħajr ħsara għall-konsegwenzi tal-applikazzjoni tal-Artikolu 5a, l-Istati Membri li fil-liġi nazzjonali tagħhom, adottata qabel ...*, jipprovdu għal limitu tal-età ta' anqas minn tnax-il sena jistgħu japplikaw dak il-limitu waqt perjodu ta' tranżizzjoni sa erba' snin wara ...* . Madankollu, il-limitu tal-età fil-perjodu tranżizzjonali ma jistax ikun ta' anqas minn 6 snin;

(b) persuni li għalihom huwa fiżikament impossibbli li jitteħdulhom il-marki tas-swaba'."

(2a) Fl-Artikolu 1, għandu jiddaħħal il-paragrafu 2b:

"2b. Fejn it-teħid tal-marki tas-swaba' indikati ma jkunx jista' jsir għal xi żmien, l-Istati Membri għandhom jippermettu li jittieħdu l-marki tas-swaba' l-oħra. Fejn għal xi żmien ma jkunux jistgħu jittieħdu wkoll il-marki tas-swaba' l-oħra kollha, jistgħu joħorġu passaport temporanju li jkollu perjodu ta' validità ta' 12-il xahar jew anqas."

(2b) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 1a:

"Artikolu 1a

1. L-identifikaturi bijometriċi għandhom jittieħdu mill-istaff ikkwalifikat u awtorizzat kif jixraq tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ħruġ tal-passaporti u tad-dokumenti tal-ivvjaġġar.

2. L-Istati Membri għandhom jiġbru l-identifikaturi bijometriċi mingħand l-applikant filwaqt li josservaw id-drittijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali kif ukoll fil-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal tan-Nazzjonijiet Uniti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri xierqa li jiggarantixxu d-dinjità tal-persuna kkonċernata jkunu disponibbli fil-każ li jkun hemm xi diffikultà fir-reġistrazzjoni."

(2c) L-Artikolu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

* Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

"L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi addizzjonali *f'konformità mal-istandards internazzjonali, fosthom b'mod partikulari, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili,* għall-passaporti u għad-dokumenti tal-ivvjaġġar, relatati ma' dan li ġej, għandhom jiġu stabbiliti skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 5(2):

(a) karatteristiċi u ħtiġiet addizzjonali ta' sigurtà inklużi standards imsaħħa ta' protezzjoni kontra l-ikkupjar, il-kontrafazzjoni u l-falsifikazzjoni;

(b) speċifikazzjonijiet tekniċi għall-mezz ta' ħażna tal-karatteristiċi bijometriċi u s-sigurtà tagħhom, inkluża l-prevenzjoni ta' aċċess mhux awtorizzat;

(c) rekwiżiti għall-kwalità u standards *tekniċi* komuni għax-xbieha tal-wiċċ u l-marki tas-swaba'."

(2d) L-Artikolu 4(3) għandu jinbidel b'dan li ġej:

***"3. Id-dejta bijometrika għandha tinġabar u tinħażen fil-mezz ta' ħażna tal-passaporti u d-dokumenti tal-ivvjaġġar bil-ħsieb li jinħarġu dawn id-dokumenti.* Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament il-karatteristiċi bijometriċi fil-passaporti u fid-dokumenti tal-ivvjaġġar għandhom jintużaw biss biex ikunu vverifikati:**

(a) l-awtentiċità tad-dokument;

(b) l-identità tad-detentur permezz ta' karatteristiċi komparabbli direttament disponibbli meta l-passaport jew dokumenti tal-ivvjaġġar oħra huma meħtieġa li jintwerew bil-liġi.

L-iċċekkjar tal-karatteristiċi ta' sigurtà addizzjonali għandu jsir bla ħsara għall-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen). In-nuqqas ta' taqbil fih innifsu m'għandux jeffettwa l-validità tal-passaport għall-iskop tal-qsim tal-fruntieri esterni."

(2e) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 5a:

"Artikolu 5a

Il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard minn ...*[*] *tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jkun ibbażat fuq studju fuq skala kbira u fil-fond li jkun sar minn awtorità indipendenti u taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni, li jeżamina l-affidabilità u l-fattibilità teknika, inkluż permezz ta' evalwazzjoni tal-preċiżjoni tas-sistemi użati, tal-użu tal-marki tas-swaba' tat-tfal taħt l-14-il sena għall-iskopijiet ta' identifikazzjoni u verifika, fosthom it-tqabbil tar-rati ta' rifjut falz f'kull Stat Membru u - ibbażata fuq ir-riżultati ta' dak l-istudju - analiżi tal-ħtieġa ta' regoli komuni rigward il-proċess tat-tqabbil. Jekk ikun meħtieġ, ir-rapport għandu jkollu miegħu proposti biex dan ir-Regolament jiġi adattat."

(2f) Fl-Artikolu 6, it-tieni subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

[*] Tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

"L-Istati Membri għandhom japplikaw dan ir-Regolament:

(a) fir-rigward tax-xbieha tal-wiċċ: sa mhux aktar tard minn 18-il xahar

(b) fir-rigward tal-marki tas-swaba': sa mhux aktar tard minn 36 xahar

wara l-adozzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 2. Madankollu, il-validità tal-passaporti u tad-dokumenti tal-ivvjaġġar li jkunu diġà nħarġu m'għandhomx ikunu affettwati.

Fir-rigward tat-tieni sentenza tal-Artikolu 1(1), għandha tkun implimentata sa mhux aktar tard minn*[*]. *Madankollu, il-validità inizjali għad-detentur m'għandhiex tkunu affettwata."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament ***fl-***Istati Membri kollha b'mod konformi mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

[*] Tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill dwar il-ħtieġa li tiżdied is-sigurtà tal-passaporti u tad-dokumenti tal-ivvjaġġar billi jintużaw dokumenti ta' identità sikuri.

Bla ħsara għall-kompetenza tal-Istati Membri li joħorġu passaporti u dokumenti oħra tal-ivvjaġġar, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jenfasizzaw li l-għan li titjieb is-sigurtà tal-passaporti jista' jiddgħajjef jekk il-passaporti jinħarġu fuq il-bażi ta' "dokumenti ta' identità" li ma jkunux affidabbli.

Il-passaport fih innifsu huwa ħolqa waħda biss minn katina ta' sigurtà li tibda mill-preżentazzjoni tad-dokumenti ta' identità, tgħaddi mir-reġistrazzjoni tad-data bijometrika u tispiċċa bit-tqabbil fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri. Din il-katina ma tkunx aktar sikura mill-iktar ħolqa dgħajfa tagħha.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jinnutaw li hemm diversità kbira ta' sitwazzjonijiet u proċeduri fl-Istati Membri rigward liema "dokumenti ta' identità" għandhom ikunu ppreżentati sabiex jintalab il-ħruġ ta' passaport u li normalment dawn id-dokumenti jkollhom anqas karatteristiċi ta' sigurtà mill-passaport stess, u aktar jistgħu jiġu kontrafatti u falsifikati.

Il-Kunsill għandu għalhekk iħejji kwestjonarju għall-Istati Membri sabiex ikun jista' jqabbel il-proċeduri u liema dokumenti huma meħtieġa f'kull Stat Membru biex jinħareġ passaport jew dokument tal-ivvjaġġar. Din l-analiżi għandha tevalwa l-ħtieġa possibbli għall-ħolqien ta' prinċipji jew linji ta' gwida komuni dwar l-aħjar prattika f'dan il-qasam.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill rigward l-istudju msemmi fl-Artikolu 5a

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jinnutaw li l-Kummissjoni se twettaq studju wieħed waħdu għall-finijiet tal-Artikolu 5a ta' dan ir-Regolament u tal-Artikolu 2 ta' [l-abbozz ta'] ir-Regolament li jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni.